# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum It-Tlieta 28 ta' Frar, 2023**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Guramentat Numru:- 397/2022 JVC**

Lorraine Falzon
(ID: 537274M),
u
Matthew Pace (ID: 177476M)
u
Zenith Finance Limited (C 42720)

vs

1. L-Avukat Generali
2. Il-Kummissarju tal-Pulizija

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali fejn ir-rikorrenti esponew u talbu kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti Lorraine Falzon, Matthew Pace u s-socjeta' rikorrenti, li taghha l-ewwel tnejn huma l-uniku azzjonisti, jinsabu akkuzati b'reati kontra d-disposizzjonijiet tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi r-rikorrenti tressqu bl-arrest fl-20 ta' Marzu, 2021. Dak inhar ma inghatawx il-liberta' provvizorja u ghamlu numru ta' jiem taht arrest preventiv. Il-kaz kriminali fl-ismijiet Reppublika ta' Malta vs Matthew Pace et ghadu fl-istadju tal-istruttorja u qed jinstema quddiem il- Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech;

3. Illi dak inhar tat-tehid taghhom bl-arrest fil-Qorti, ir-rikorrenti Matthew Pace kellu fuqu *mobile phone* li ttehiedlu mill-Pulizija;

4. Illi sussegwentament, dan il-*mobile phone* gie prezentat fl-atti tal-kumpilazzjoni li fil-prezent qed tinstema mill-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech u qieghed immarkat bhal "Dok MB17" *f'evidence bag* "SC00291820",

5. Illi kwazi tminn xhur wara l-prezentata bl-arrest, u cioe' fil-11 ta' Novembru tal-2021, il-Prosekuzzjoni ghamlet talba sabiex jigi estrapolat il-kontenut ta' dan il-*mobile phone*;

6. Illi dan il-*mobile phone* kien protett b'*code*. Ir-rikorrenti Matthew Pace ma kienx f'pozizzjoni li jipprovdi dan il-*code* minhabba li bit-trapass ta' zmien ma kienx ghadu jiftakru. Wiehed irid iqis li kienu ghaddew tminn xhur minn meta uza dan il-mobile phone l-ahhar;

7. Illi fl-istess gurnata u cioe fil- 11 ta' Novembru 2021, l-Qorti tal-Magistrati hatret lill-espert tat-telefonija Keith Cutajar sabiex jestrapola d-*data* minn go dan il-*mobile phone*;

8. Illi fis-seduti sussegwenti u diversi xhur wara, dan l-espert informa lil Qorti li hu ma kellux it-taghmir biex jiftah dan il- *mobile phone* u konsegwentament kien avvicina ditta estera sabiex taghmel dn ix-xoghol;

9. Illi skond l-espert Keith Cutajar, din id-ditta estera kienet qed tirrifjuta li taghti servizz lil Qorti u dan peress skond l-istess ditta, fil-Qrati ta' Malta kien hemm numru ta' persuni li kienu politically exposed persons (PEPs) u li dwarhom ried isir *enhanced due diligence*;

10. Illi dina s-sitwazzjoni baqghet tgerbeb ix-xhur, mikejja l-protesti kemm tar-rikorrenti u wkoll tal-Magistrat sedenti;

11. Illi fis-seduta tal-1 ta' Gunju, 2022, l-espert Keith Cutajar informa lil Qorti illi ma kienx f'pozizzjoni li jespleta l-inkarigu tieghu ghax testwalment, *"ha nibqa bil-problema ta' fee administration, jien bhala espert m'ghandix il-poter nitkellem la f'isem il-Qorti u lanqas f'isem entita' ohra, il-ligi cara. Jien m'inhix f'pozizzjoni li nespleta l-inkarigu".*

12. Illi fis-6 ta' Lulju, 2022, permezz tan-nota tar-rinviju datata t-30 ta' Gunju, 2022, l-Avukat Generali baqa jinsisti fuq il- ftuh ta' dan il- mobile;

13. Illi waqt din is-seduta id-difiza tar-rikorrenti talbet lil Qorti tal-Magistrati sabiex tirreferi dan il-kaz lil Prim Awla tal- Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) izda dina t-talba giet

sussegwentament irtirata stante li giet prezentata dina l-kawza. Dan sar ukoll anki ghaliex ir-rikorrenti ma jridu bl-ebda mod li l-proceduri kontra taghhom jitwalu b'xi forma ta' soprasessjoni tal-Qorti istruttorja;

14. Illi waqt din l-istess seduta il- Qorti Istruttorja ivverbalizzat is-segwenti:

> "Il-Qorti rat il- kwezit tal-Avukat Generali u tenut kont ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 405(8) tal- Kodici Kriminali, hi ser tahtar espert ghall-iskop indikat mill-Avukat Generali; l-isem tal-espert jista' jigi biss identifikat wara l-Qorti tigi mgharrfa, b'dawk l-ismijiet ta' esperti potenzjali li minnhom jista' jinhatar l-espert rikjest u dan mill-istess Avukat Generali li qed jaghmel it-talba, gialadarba din il- Qorti ma sabet l-ebda espert iehor lest jaccetta l-inkarigu.
>
> Dan qed jintalab mill-Avukat Generali bil ghan li din il- Qorti tigi assistita biex taghmel dak kontemplat bl-imsemmi artikolu fl-iqsar zmien possibli. Jigi emfasizzat illi l-Qorti ma taf bl-ebda' entita' li kapaci tezegwixxi dak rikjest mill-Avukat Generali. Konsegwentement qed tintalab l-assistenza w gwida dwar esperti potenzjali li jistghu jassiguraw li jkun hemm unblocking u extraction tal-kontenut tal-apparat elettroniku msemmi. Din it-alba qed tigi estiza wkoll lil Ministeru tal-Gustizzja bit-tama li s-sitwazzjoni tigi rizolta sabiex il-proceduri odjerni jithaffu".

15. Illi fl-istess seduta tas-6 ta' Lulju, 2022 gie mitlub jixhed l-Ispettur Ian Camilleri in kontro-ezami li gie mistoqsi s-segwenti :

"Avukat Issa kemm tikkonferma lil Qorti illi d-decizjoni li tressqu lill-imputati intom hadtuha minghajr ma tafu x'fihom dan il- mobile phone u l-laptop hux hekk ?

Spettur: Ezatt, dawk ma kellniex access ghalihom.

Avukat: Jigifieri meta intom ressaqtu, fuq dak li hemm fl-atti biss kien bizzejjed.

Spettur: Iva"

16. Illi l-kawza giet differita ghall-25 ta' Lulju, 2022. F'din is-seduta irrizulta illi l-Avukat Generali kien naqas li jobdi direzzjoni tal-Qorti li inghatatlu fis-seduta precedenti u iddikjara illi kien qed jirrifjuta li jindika espert kif mitlub mill-Qorti u baqa' jinsisti ghal-hatra tal-istess;

17. Illi sadanittant fil-waqt li l-bqija tal-provi f'dan il-kaz gew kollha migbura, fis-seduti quddiem il-Qorti ilu xhur shah ma jsir xejn ghajr ghal diskussjonijiet interminabbli dwar dan il- mobile phone;

18. Illi jinghad ukoll, illi fis-seduta tas-6 ta' Lulju, 2022 ghall-ewwel darba issemma laptop, li mill-atti ma jirrizultax li qatt ghadda ghand l-espert mahtur mill-Qorti sa mill-11 ta' Novembru 2021. M'huwiex car meta dan il-laptop (ta' Matthew Pace) ghadda ghand il-Pulizija, izda aktarx iva milli le dan gie fil-pusess taghhom meta gie arrestat l-ewwel darba Matthew Pace u saritlu *search* fid-dar tieghu.

19. Illi wiehed ma jridx jinsa illi dawn ir-reperti kien ilhom f'idejn il- prosekuzzjoni almenu sa mill-gurnata tal-arrest u cioe mill- 20 ta' Marzu, 2021. Dn ifisser li wara sena u erba' xhur, dan il-mobile phone u l-laptop ghadhom fl-istess stat li kienu fih meta ittiehdu minghand Matthew Pace;

20. Illi dan il-fatt huwa wiehed deplorabbli u certament huwa leziv tal-principju importanti li akkuzat ghandu jinghata smiegh xieraq fi zmien qasir. Wiehed ma jridx jinsa li r-rikorrenti ilhom xhur shah b'hajjithom sospiza, jistennew lill-awtoritajiet isolvu din il-problema li holqu huma stess u wahedhom;

21. Illi l-Qrati taghna, partikolarment f'kazijiet ricenti, kellhom kliem iebes ferm ghall-imgieba tal-Avukat Generali f'kazijiet bhal dawn li qed isarrfu f'dewmien esagerati bi pregudizzju serju ghad-drittijiet tal-akkuzati. Dan bhal per ezempju fil-kawza **Sebastian Dalli vs l-Avukat tal-Istat u l- Avukat Generali** deciza mill-Prim Awla tal- Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali nhar it-22 ta' Marzu, 2022 (appell pendenti);

22. Illi pero' il- kwistjoni tad-dewmien m'hijiex l-unika lanjanza illi ghandhom ir-rikorrenti. Wiehed ma jistax ma jinnotax illi hawnhekk qed nitkellmu fuq repert li ilu f'idejn il-Pulizija sa mill-20 ta' Marzu, 2021. Fil-genn jew zelu li kellhom l- Avukat Generali u l-Pulizija biex iressqu lir-rikorrenti l-Qorti (u mhux biss iressquhom, izda jressquhom bl-arrest, bl-Avukat Generali jopponi ghal halsien mill-arrest preventiv tal-istess), il-Pulizija lanqas biss pruvat tara x'fih il-*mobile phone* tant importanti ghall-prosekuzzjoni, waqt li r-rikorrenti kienu arrestati;

23. Illi mhux hekk biss. Ir-rikorrenti Matthew Pace attenda ghal diversi drabi ghall-interrogazzjoni u gie rilaxxat fuq *police bail.* Jekk dan il-*mobile phone* kellu din l-importanza kollha, ghala

wiehed jistaqsi, il-Pulizija ma haditux mill-bidu nett u ezaminatu fil-perkors tal-investigazzjoni u l-*police bail* u qabel ma ressqet ir-rikorrenti l-Qorti?

24. Illi illum ghandna wkoll konferma mill-prosekuzzjoni (tramite x-xhieda onesta li ta l-Ispettur Camilleri) li meta l- Avukat Generali u l-Pulizija ressqu lir-rikorrenti huma kienu tal-fehma li kellhom provi bizzejjed biex jippruvaw il-kaz taghhom. Wiehed jistaqsi ghalhekk, illum, kwazi sena u nofs wara, bil- provi kollha kumpilati, x'inbidel?

25. Illi mhux hekk biss. Hemm il-kwistjoni wkoll tal-oggett tal-prova. F'dawn l-ahhar snin qisu saret moda d-drawwa li jittiehdu oggetti elettronici bhal *mobile phones*, tigi estratta d-data u mbaghad li jitla fil-kopp, jissajjar- "fishing expedition";

26. Illi dwar dan is-suggett fil-pubblikazzjoni mahruga mill-*Information Commissioner's Office fl- Ingliterra* bl-isem **Mobile phone data extraction by police forces in England and wales-Investigation Report-June 2020** inghad illi :

> "Police Scotland has a formal project that involves officers using such kiosks to 'triage' devices by viewing their contents in order to make a decision on whether to submit them for data extraction by the specialist department. The aim of this is to quickly identify investigative opportunities and also manage demand on forensic departments. Whilst there may be efficiency gains in using this approach, it gives rise to concerns about opportunistic 'fishing expeditions', that circumvent due consideration of reasonable lines of enquiry and proportionality.
>
> …

The ICO accepts that different stakeholders may have conflicting views about the level of examination of mobile phone data. From the perspective of a suspect, or those representing a suspect, an examination of their phone data may identify material that either undermines or assists the case. If this is very narrowly focused, key evidence may be missed. Conversely, from a complainant's perspective, searches beyond the bounds of identifying material about the alleged offence (a so-called 'fishing expedition') may be used as a tool to attack or undermine credibility. Ultimately, it will always be for the investigator's approach has the confidence of suspects, complainants and witnesses.

It is essential that all extractions and searches are **based on clear lines of enquiry.** A phased approach is suggested, where justification and authorization are documented at each stage, with clear parameters being set for searching. If further examination is considered appropriate, then this must be justified and further authorised each time.

27. Illi f'dan ir-rapport qed jigu indirizzati sitwazzjonijiet fejn il-Pulizija qed testrapola d-data **waqt l-investigazzjonijiet** taghha u **qabel tressaq** lil persuna u takkuzaha. Il-kaz tar-rikorrenti huma ferm aghar. Fil-kaz tar-rikorrenti, il-prosekuzzjoni qed tipprova tintroduci fl-atti provi godda fil-forma tal-kontenut shih ta' mobile phone, li minn kliem il-Pulizija stess m'ghandhomx idea x'fih u li minghajru l-Pulizija xorta wahda hasset li kellha bizzejjed provi biex tressaq;

28. Dan bir-rispett, dan m'huwiex il-mod kif isiru l-affarijiet. Fl-ebda hin waqt il-kumpilazzjoni ma saret xi referenza ghal xi

komunikazzjoni telefonika jew bil-messaggi in sostenn tat-tezi tal-prosekuzzjoni li r-rikorrenti huma hatja tar-reati addebitati lilhom;

29. Illi mhux hekk biss, izda sahansitra l-Avukat Generali naqas milli b'mod car u dirett jghid x'inhuwa l-oggett u s-sustanza tal-prova li huwa jrid johrog minn dan il-mobile phone. Bir-rispett dovut, li wara li tressaq persuna, takkuzaha, tiffrizalha l-assi u tfalliha, tigi tghid li l-mobile phone huwa importanti ghax jaf fih xi konversazzjonijiet relevanti ghal dan il- kaz huwa ta' disprezz lejn il-Qorti u b'mod mill-aktar car jikkostitwixxi f'lezjoni cara tad-dritt fundamentali tal-persuna akkuzata illi tinghata smiegh xieraq;

30. Illi l-Qorti Kostituzzjonali stess f'sentenza tat-18 ta' Lulju, 2022 dwar appell ta' l-Avukat tal-Istat minn digriet tal- Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kaz "Yorgen Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija et "qalet illi:

> "Ghalkemm kif inghad huwa minnu li fi proceduri kostituzzjonali hemm ammont ta' flessibilita' f'dak li jirrigwarda t-tmexxija tal-procedura mill-Qorti, **dan ma jfissirx li xi parti tista' tuza dawn il-proceduri biex taghmel fishing expedition u totjeni l-produzzjoni ta' provi li mhumiex necessarjament relevanti ghall-proceduri istitwiti minnha.** Ikkonsidrat ghalhekk li l-attur lanqas imqar indika x'hemm f'dawn l-estrazzjonijiet li huma tant relevanti u vitali ghal dawn il- proceduri"

31. Illi l-Qrati ta' sede Kostituzzjonali taghna taw diversi sentenzi fejn ghamluwha cara li l- prosekuzzjoni m'ghandiex *mano libera* li tibqa' ttawwal il-proceduri kriminali, la minhabba xi forma ta' strategija u wisq anqas minhabba tkaxkir tas-saqajn. Ezempji ricenti huma l-kawzi Il-Pulizija vs Silvio Zammit u Il- Pulizija vs

Tarcisju Mifsud. F'dawn il-kazijiet il-Qorti Kostituzzjonali intervjeniet biex twaqqaf lill-Avukat Generali milli jkompli jitlob differiment wara iehor ghal skopijiet differenti;

32. Illi wkoll, wiehed ma jridx jinsa' l-istat li qedghin fih ir-rikorrenti minhabba l-imgieba tal- Avukat Generali. Biss huwa stat ta' fatt li l-kumpanija Zenith Finance Limited, li qabel dawn il-proceduri kellha valur jeccedi l-20 miljun ewro, illum il-gurnata ghalqet il-bibien u ma giet tiswa xejn. Ovvjament dan it-telf garrbu ir-rikorrenti Matthew Pace u Lorraine Falzon, l-azzjonisti tal-istess socjeta. Mhux biss. Hajjet dawn iz-zewg persuni hija frizata. Letteralment. U dan qed jinghad lil hinn minn jekk l-akkuzi humiex gusti jew le, ghalkemm ir-rikorrenti jtennu li l-akkuzi kontra taghhom huma oxxeni. Dan qed jinghad ghax kull gurnata li l-Avukat Generali jkaxkar saqajh f'dawn il-proceduri hija gurnata ohra fejn ir-rikorrenti qed isofri minn ksur ta' jedd iehor fundamentali - id-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom;

33. Illi fl-ahhar seduta quddiem il-Qorti Istruttorja, l-Avukat Generali ghamilha cara li kien ser jibqa' jippersisti fit-triq li qabad. Huwa ghalhekk li r-rikorrenti ma fadlilhomx triq ohra ghajr li jirrikorru ghall-uniku rimedju li fadlilhom u cioe' dak kostituzzjonali;

34. Illi r-rikorrenti huma tal-fehma illi l-intimati illedew diversi drittijiet fundamentali taghhom ghal dawn r-ragunijiet:

a. Kwazi sena u nofs wara li tressqu r-rikorrenti bl-arrest, l-intimati qed jitolbu li tigi estratta data minn mobile phone li kien fil-pussess tal-Pulizija sa minn qabel ma tressqu r-rikorrenti fil-20 ta' Marzu, 2020. Dan minkejja l-fatt li *ex*

*admissis,* il-Pulizija ikkonfermat li l-kontenut ta' dan il-*mobile phone* ma kienx jifforma parti mill-provi li dwarhom l-intimati iddeciedew illi jakkuzaw lir-rikorrenti bir-reati li gew addebitati lilhom mill-istess intimati. Lanqas biss gie indikat oggett konkret tal-prova li bi hsiebha taghmel il-pulizija. Din l-imgieba tal-prosekuzzjoni m'hi xejn ghajr *fishing expedition* u tilledi d-dritt fundamentali tar-rikorrenti li jkollhom smiegh xieraq fi zmien qasir u ragonevoli, bi ksur tal- Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, l- Artikolu 6 tal- Kap 319 tal- ligijiet ta' Malta u l- Artikolu 39 tal- Kostituzzjoni ta' Malta.

b. Il-fatt li mill-20 ta' Marzu 2021, l-intimati damu sal-11 ta' Novembru 2021 biex ghamlu talba lil Qorti biex jinhatar espert biex tigi estrapolata d-data tal-mobile phone. Dan mhux biss. Fl-ahhar seduti hareg ukoll illi l-intimati kienu qed jitolbu li tigi estrapolata data minn laptop. Mill-atti ma jirrizultax li l-laptop qatt gie f'idejn l-espert Keith Cutajar. Wara t-trapass ta' numru ta' xhur fejn ingabru l-provi kollha u kien evidenti li l-esperti ma setawx jifthu dan il-mobile phone, u fuq insistenza kontinwa tal-intimati, ir-rikorrenti ghandhom il- kaz taghhom wieqaf (u ilu wieqaf ghal numru ta' xhur) ghal ragunijiet li certament mhux imputabbli lilhom. Dan ukoll isarraf fi ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti li jkollhom smiegh xieraq fi zmien qasir u ragonevoli, bi ksur tal- Artikolu 6 tal- Konvenzjoni, l- Artikolu 6 tal- Kap 319 tal-ligijiet ta' Malta u l- Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

c. Id-dewmien esagerat indikat fl-ewwel zewg paragrafi jwassal ukoll ghall-ksur tal- jedd fundamentali tar-rikorrenti ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom, ghax kull gurnata zejda li r-rikorrenti jibqghu f'dan l-istat ta' akkuzati minhabba l-imgieba tal-intimati, isarraf f'dan il-ksur

kontemplat fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni kif riprodott fl- Ewwel Skeda tal- Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

35. Illi r-rikorrenti jafu personalment b'dawn il- fatti kollha;

Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti hawn esposti, r-rikorrenti umilment jitolbu lil dina l- Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti sofrew u ghadhom qed isofru minn lezjoni tad-dritt taghhom li fil-proceduri kriminali kontra taghhom huma jinghataw smiegh xieraq fi zmien qasir u ragonevoli u dan bi ksur tal- Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, l-Artikolu 6 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 39 tal- Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq indikati, it-talba tal-intimati sabiex tigi estrapolata data minn *mobile phone* u *laptop* tar-rikorrenti Matthew Pace bl-iskop li l-istess data tigi prezentata bhala prova f'dan l-istadju tardiv tal-proceduri hija wahda illegali u abbuziva u ssarraf fi ksur tal-jedd fundamentali tar-rikorrenti li jinghatalhom smiegh xieraq fi zmien qasir u ragonevoli u dan bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

3. Tiffissa perjodu qasir u perentorju li matulu l-Avukat Generali u l-prosekuzzjoni jkunu mistennija jikkonkludu l-provi taghhom u jiddikjaraw l-istadju tal-provi taghhom maghluq u fin-nuqqas ta' dan tordna li fi tmiem ta' dan il-perjodu qasir u perentorju l-istadju tal-provi tal-Avukat Generali u l-prosekuzzjoni jigi dikjarat maghluq b'ordni tal-Qorti.

4. Tiddikjara illi r-rikorrenti sofrew u ghadhom isofru minn lezjoni tad-dritt tat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Taghti dawk il-provvedimenti kollha li hija thoss necessarji sabiex jigu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata ta' l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in linea preliminari, l-esponenti ma humiex il-legittimi kontradittur sabiex iwiegbu ghall-ilmenti kif impustati mir-rikorrenti fir-rikors promotur;

2. Illi wkoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu fil-premessi, kif ukoll fl-ewwel (1) u t-tieni (2) talba fir-rikors promotur issir referenza ghall-Artikolu 6 tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti jecepixxu li dan l-Artikolu ma huwiex relevanti ghal dak lamentat mir-rikorrenti stante li jitratta l-esegwibbilita' tad-decizjoniet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u ghalhekk ma tistax tinstab vjolazzjoni tal-imsemmi Artikolu. F'kaz li r-rikorrenti riedu jfissur l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, dan ukoll ma giex u ma huwiex jigi miksur;

3. Illi ukoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa pacifiku li d-dritt ghal smigh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita' tal-proceduri kollha u mhux dwar parti biss tal-proceduri u cioe' dwar ftit xhur. Ghaldaqstant tenut kont li l-proceduri ghadhom fi stadju prematur hafna, l-esponenti jecepixxu li l-proceduri odjerni huma intempestivi. Ghaldaqstant, f'dan l-istadju kawza msejsa fuq l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il- protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija prematura u ghandha tigi dikjarata bhala tali;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, mill-iter processwali tal-proceduri fl-ismijiet "Repubblika ta' Malta vs Lorraine Falzon, Matthew Pace, Zenith Finance Limited' jirrizulta li kien fl-ghoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) li r-rikorrenti tressqu bl-arrest akkuzati b'hasil ta' flus, filwaqt li Matthew Pace gie akkuzat kemm b'hasil ta' flus u b'reati ohra. Illi meta wiehed jikkunsidra l-kwadru tal-fatti kollu fit-totalita' taghhom inkluz il-gravita tar-reati kif ukoll ix-xhieda u l-provi kollha li tressqu, wiehed ghandu jasal ghall-konkluzjoni li ma kien hemm l-ebda dewmien irragonevoli attribwibbli lill-esponenti;

*6.* Illi minghajr pregudizzju, ghas-suespost, in kwantu r-rikorrenti jippremettu li l-*mobile phone* u *laptop* f'sena u erba' xhur ghadhom fl-istess stat li kienu fih meta ittiehdu, l-esponenti

jwiegbu li l-espert Keith Cutajar kien mahtur mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Onorabbli Magistrat Dr. Charmaine Galea fl-atti tar-*Repert* dwar oggetti elettronici li gew elevati waqt diversi tfittxijiet li saru nhar is-7 ta' Marzu 2021 mill-Ufficjali tal-Pulizija fi hdan il- '*Financial Crimes Investigations Department* '. L-inkarigu tal-espert Keith Cutajar kien '*sabiex jiehu fil-pussess tieghu u jelenka l-oggetti elettronici elevati waqt it-tfittxijiet li saru mill-fondi u minn fuq il-persuni indikati fir-rappor*t'. Dan l-inkarigu kien gie estiz mill-Magistrat Inkwirenti fil-11 ta' Marzu, 2021 sabiex janalizza l-oggetti elettronici elevati li jiffurmaw parti mill-istess repert. Dan kollu gara qabel ma bdew il-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti. Tajjeb li jinghad li meta r-rikorrent Matthew Pace kien arrestat fis-7 ta' Marzu 2021 u mitlub jaghti l-*passwords* tal-oggetti ielettronici li gew elevati, huwa kien ghazel li jezercita d-dritt tas-silenzju. Kien dakinhar stess li l-Onorabbli Magistrat Inkwirenti Dr Charmaine Galea laqghat it-talba ghal ftuh ta' repert sabiex jigu pprezervati l-oggetti elettronici li gew elevati waqt dawk it-tfittxijiet. Fit-8 ta' Marzu 2021, il-Pulizija intavolat ukoll rikors sabiex il- Magistrat Inkwirenti *"tawtorizza lill-espert nominat, is- Sur Keith Cutajar, sabiex jkun jista' jikkomunika mal-Pulizija bir-rizultati tal-analazi maghmula minn sabiex b'hekk tkun tista' titkompla l-investigazzjoni tal-Pulizija.* <u>Dan ghalhekk ixejjen l-allegazzjoni li dawn it-talbiet saru fi stadju avvanzat tal-kumpilazzjoni</u>. Meta tressqu r-rikorrenti, l-espert Keith Cutajar kien ghadu ma espletax l-inkarigu moghti lilu. Kien wara x-xhieda tal-espert Keith Cutajar datata l-11 ta' Novembru 2021 fejn spjega li uhud mill-apparat eletroniku ma setghax jaccedi ghalih ghaliex kien *pin protected* li <u>l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja estendiet l-inkarigu tieghu</u> sabiex isir dak kollu necessarju biex tigi estratta d-data minn fuq apparat elettroniku li ghadu ma giex estratta l-informazzjoni minnu. Sussegwentement irrizulta li l-espert Keith Cutajar ma setax jespleta l-inkarigu tieghu u kien

ghalhekk li l-Prosekuzzjoni talbet li jinhatar espert iehor. Filfatt kien fl-1 ta' Gunju, 2022 li l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja irrevokat l-inkarigu tal-espert Keith Cutajar. Illi ghalhekk ma kien hemm l-ebda tkaxkir tas-saqajn minn naha tal-esponenti. Illi ma huwiex minnu li fis-seduta tas-6 ta' Lulju, 2022 ghall-ewwel darba issemma laptop, li mill-atti ma jirrizultax li qatt ghadda ghand l-espert mahtur mill-Qorti sa mill- 11 ta' Novembru 2021.' Filfatt jirrizulta li fin-nota tar-rinviju datata l-14 ta' Dicembru 2021, l-Avukat Generali kienet talbet li l-Onorabbli Qorti tizgura li l-espert Keith Cutajar jespleta l-inkarigu tieghu sabiex jaccedi fuq il-*mobile phone* u *l-laptop* personali ta' Matthew Pace, jestratta d-data relattiva u jirrelata dwar l-istess. Ghalhekk ma huwiex il-kaz li kien fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2022 li ghall-ewwel darba issemma *laptop* u lanqas huwa l-kaz li '*kwazi sena u nofs wara li tressqu r-rikorrenti bl-arrest, l-intimati qed jitolbu li tigi estratta data minn mobile phone li kien fil-pussess tal-Pulizija sa minn qabel ma tressqu r-rikorrenti fl-20 ta' Marzu, 2020'*. Lanqas ma huwa l-kaz li l-esponenti damu '*sal-11 ta' Novembru 2021 biex ghamlu talba lil Qorti biex jinhatar esper biex tigi estrapolata d-data tal-mobile phone* 'u dan peress li kien rizultat tax-xhieda tal-espert Keith Cutajar li l-Onorabbli Qorti estendiet l-inkarigu ta' Keith Cutajar. Il-fatt li kien hemm diffikultajiet sabiex l-espert jespleta l-inkarigu u diffikultajiet sabiex jinhatar espert iehor ghal dan il- ghan, bl-ebda mod ma huwa imputtabbli lill-esponenti. Kif jirrizulta mill-atti ma hemm l-ebda '*dewmien esagerat* ' u ghaldaqstant ma hemmx ksur ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tal-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali u kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

*7.* Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fatturi li principarjament ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta' process eccediex il-parametri ta' smigh xieraq fi zmien ragjonevoli huwa essenzjalment il-kumplessita' tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir tal-awtorita' gudizzjarja. L-ilment tar-rikorrenti jitratta mhux il-proceduri fl-intier taghhom, izda specifikament parti mill-proceduri u cioe' dak li segwa wara x-xhieda tal-espert Keith Cutajar datati l-11 ta' Novembru 2021, it-12 ta' April 2021, it-18 ta' Mejju 2021 u l-1 ta' Gunju 2021. Filfatt kien fl-1 ta' Gunju ,2022 li l-Onorabbli Qorti tal- Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja irrevokat l-inkarigu tal-espert Keith Cutajar. Kien ghalhekk li l-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju datata it-30 ta' Gunju 2022 talbet li jinhatar espert iehor. Jirrizulta li r-rikorrenti qedghin jilmentaw dwar ftit xhur u ghalhekk certament li dan ma jistax jitqies bhalha dewmien irragonevoli. Dan anke tenut kont tal-kumplessita tal-kaz, in-numru ta' xhieda u esperti involuti. Ir-rikorrenti dejjem inghatghu smigh ghal kull talba li prezentaw, liema smigh qieghed jinghata fi zmien ragonevoli;

*8.* Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa d-dmir tal-Prosekuzjoni li tressaq il-provi kollha li ghandha u li tmexxi l-kaz taghha fl-ahjar interess tal-gustizzja u huwa ghalhekk li l-esponenti baqghu jinsistu li jinhatar espert sabiex tigi estratta d-data minn *mobile phone* u *laptop*. Ghalhekk ma huwiex il-kaz li l-Prosekuzzjoni qieghda tiprova tintroduci fl-atti provi godda u dan peress li l-*mobile phone* u *l-laptop* diga jifformaw parti mill-provi u l-istadju tal-provi tal- Prosekuzzjoni ghadu ma giex dikjarat bhala maghluq. Ghalhekk il-Prosekuzzjoni ghadha fic-cans li tressaq kwalunkwe prova li tqis rilevanti fl-interess tal-gustizzja. Illi huwa fl-interess tal-gustizzja u filfatt id-dmir tal-Prosekuzzjoni li

jitressqu l-provi kollha u certament li dan ma huwiex stadju tardiv tal-proceduri;

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhuwiex il- kaz fi kliem ir-rikorrent *'F'dawn lahhar snin qisu saret moda d-drawwa li jittiehdu oggetti elettronici bhal mobile phones tigi estratta d-data u mbaghad li jitla' fil-kopp, jissajjar-'fishing expedition'*. Il-Prosekuzzjoni ressqet diversi provi, fejn fost dawn il-provi hemm *laptop* u *mobile phone* , fejn il-kontenut tal-*mobile phones* u *laptop* huwa relevanti ghall-akkuzi li bihom gew akkuzati r-rikorrenti. Id-diffikultajiet li tqajmu relatati mal-hatra ta' espert biex isir *unblocking* u *extraction* tal-kontenut ta' l-apparat elettroniku imsemmi ma huwiex imputtabbli lill-esponenti. Certament li ma jahtux l-esponenti jekk hemm nuqqas ta' mezzi sabiex jigi accessat l-apparat elettroniku. Illi l-esponenti jemfasizzaw li huwa l-obbligu u d-dmir tal-Prosekuzzjoni li jressqu l-provi kollha ghat-tfittix tal-verita' u ghalhekk inkluz id-*data* li hemm f'dawn l-oggetti elettronici. Ma hemm xejn illegali u abbuziv u lanqas leziv id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti bil-fatt li l-Prosekuzzjoni talbet u insistiet li ghandu jinhatar espert ghal dan il-ghan .L-oggett tal-prova huwa l-informazzjoni li hemm fl-istess apparat elettroniku inkluz kommunikazzjonijiet. Ghaldaqstant l-ewwel zewg talbiet ghandhom jigu michuda;

*10.* Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu li l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ordnat lill-Avukat Generali sabiex jindika l-ismijiet ta' l-esperti potenzjali li minnhom jista' jinhatar l-espert rikjest, kif spjegat l-istess Avukat Generali fin-nota prezentata quddiem il-Qorti Istruttorja, a tenur tal-Artikolu 650(2) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta *'il-periti jigi maghzulin mill- qorti:*

*Izda il-Ministru responsabbli ghall-gustizzja jista' wara li jikkonsulta mal-Prim Imhallef, jahtar persuna wahda jew izjed bhala periti ufficjali sabiex jaghtu l-fehma taghhom fuq hwejjeg li jirrikjedu dispozizzjonijet ohra ta' dan il- Kodici u li jridu hila, teknika jew sengha specjali, u meta jigu mahtura dawn il-persuni,il-qorti ghandha taghzel il-periti minn fost dawk il-persuni, il-qorti ghandha taghzel lill-periti minn fost dawk il-persuni fuq sistema' ta' rota.'*

Illi ghalhekk ma huwiex il-kaz li l-esponenti naqsu milli jobdu direzzjoni tal-Qorti. Huwa l-artikolu 650(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jistabilixxi procedura li trid tigi segwita biex jigi appuntat espert tekniku;

11. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-irragonevolezza taz-zmien ma ghandux jigi determinat fl-astratt jew minn numru ta' snin li tkun ila ghaddejja procedura gudizzjarja imma dan ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz li jkun. Fil-kaz odjern certament li fil-proceduri kriminali li dwarhom qieghed jilmenta r-rikorrenti ma kien hemm l-ebda dewmien irragonevoli, u *dato ma non concesso* li din l-Onorabbli Qorti ssib li kien hemm dewmien, dan certament li ma huwiex imputabbli lill-esponenti;

12. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hemmx lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq fi zmien qasir u ragonevoli a tenur tal-Artikolu 6 tal- Konvenzjoni Ewropea dwar il- Protezzjoni tad-drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

13. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, dato ma non concesso u biss ghall-grazzja tal-argument li nkisru d-drittijiet ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli tar-rikorrenti kif allegat fir-rikors promotur, allegazzjoni li l-esponenti jopponu, ma hemm l-ebda lok ghal rimedju jew kumpens pekunjarju u/jew non-pekunjarju iehor u dan stante li:

a. L-iskop tad-dispozizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa sabiex jigu stabbiliti *standards* u huwa s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' dawn l-istandards li huwa r-rimedju ewlieni;

b. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, hija l-umli fehma tal-esponenti li ghalkemm din l-Onorabbli Qorti fil-vesti Kostituzzjonali taghha taghti kull rimedju li jidhrilha xieraq, inkluz jekk jidhrilha xieraq u opportun kumpens monetarju, l-ebda danni materjali ma jistghu jigu likwidati minn din is-sede f'kawzi dwar allegat nuqqas ta'smigh fi zmien ragonevoli u

c. Illi f'kull kaz u dejjem bla hsara ghall-premess, ma hemm l-ebda lok ghall-ghoti ta'kumpens, lanqas danni materjali u lanqas dawk mhux pekunarji fil kaz odjern.

14. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante li ma hemm l-ebda dewmien irragonevoli, isegwi li r-rimedju mitlub fit-tielet (3) talba huwa improponibbli u ghahekk it-tielet (3) talba ghandha ukoll tigi michuda;

15. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hemx lezjoni tad-dritt tat-tgawdija pacifika tal-possediment taghhom kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u kif riprodott fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

16. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, sa fejn qed tigi allegata vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il- Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal- Ligijiet ta' Malta, l-esponenti jecepixxu illi din hija wkoll infondata. Dan l-artikolu Konvenzjonali jipprovdi li jista' jkun hemm privazzjoni jew kontroll ta' uzu tad-dritt ghat-tgawdija tal-possediment meta dan ikun fl-interess pubbliku. Illi mill-premessi u t-talbiet ma jirrizultax car abbazi ta' xiex qeghdin jilmentaw li gie lez id-dritt taghhom ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom. F'kaz li r-rikorrenti qeghdin jilmentaw dwar l-Ordni ta' ffrizar meta jippremettu li 'Hajjet dawn iz-zewg persuni hija frizata', l-esponenti iwiegbu li ma hemmx lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti gew akkuzati b'reat serju hafna ta hasil ta' flus u reati serji ohra. L-Ordni ta' iffrizar tal-assi hi mizura provizorja ta' kontroll ta' propjeta' li giet akkwistata b'attivita'illecita li tkun twettqet b'detriment ghall-komunita', f'kaz ta' sejbin ta' htija tkun tista' tigi konfiskata. L-iffrizar tal-assi jsir fl-interess generali sabiex min jaghmel il-gid minn reat kriminali ma jiehux beneffiçju minn tali attivita' illecita. L-Ordni ta' ffrizar harget skond id-disposizzjonijiet tal-ligi, u ghal ghan legittimu li hija l-protezzjoni tas-socjeta' in generali u tibqa' fis-sehh sakemm ikun hemm decizjoni ikkunsidrata bhala *res judicata*;

17. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din il- Qorti issib li kien hemm xi dewmien irragonevoli, dan bl-ebda mod ma jfisser li gie lez id-dritt tat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tar-rikorrent kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal- Ligijiet ta' Malta;

18. Illi peress li ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, isegwi li l-pretensjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom.

19. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'

Rat illi fil-verbal tal-4 ta' Awwissu, 2022 l-partijiet qablu li nonostante l-eccezzjonijiet preliminari, ghandhom jinstemghu l-provi kollha f'daqqa.

Rat illi fil-verbal datat 8 ta' Novembru, 2022 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' lill-partijiet li jiprezentaw sottomissjonijiet f'termini mposti fuqhom.

Rat is-sottomissjonijiet li dahlu fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan ir-rikors jikkonsisti f'lanzjanza kostituzzjonali tar-rikorrenti li jallegaw li fil-proceduri kriminali kontra taghhom huma m`humiex qed jinghataw smiegh xieraq fi zmien qasir u ragonevoli. Jallegaw li t-talba tal-intimati Avukat Generali u l-Kummissarji ntimat sabiex tigi estrapolata *data* minn *mobile phone* u *laptop* tar-rikorrent Matthew Pace, bl-iskop li l-istess *data* tigi prezentata bhala prova fil-proceduri kontra taghhom, f'dan l-istadju li huma jsejhulu 'tardiv' tal-proceduri hija llegali, abbuziva u li ssarraf fi ksur tal-jedd fundamentali taghhom li jkollhom smiegh xieraq fi zmien qasir u ragonevoli. Jallegaw li dan l-agir huwa bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, l-Artikolu 6 tal-

Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi in oltre r-rikorrenti jallegaw vjolazzjoni tad-dritt taghhom ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta rizultat tal-ordni ta' ffrizar fuq l-assi kollha taghhom u t-tul ta' zmien li dan ilu fis-sehh ukoll minhabba l-allegat dewmien fl-estrapolazzjoni tal-informazzjoni mill-mobajl u l-*laptop*.

Ir-rikorrenti ghalhekk talbu li din il-Qorti tiffissa perjodu qasir u perentorju li matulu l-Avukat Generali u l-prosekuzzjoni jkunu ordnati jikkonkludu l-provi taghhom u jiddikjaraw l-istadju tal-provi taghhom maghluq u fin-nuqqas ta' dan tordna li fi tmiem tal-perjodu mpost l-istadju tal-provi tal-Avukat Generali u l-prosekuzzjoni jigi dikjarat maghluq b'ordni ta' din il-Qorti. Ulterjorment talbu li l-Qorti tiddikjara li sofrew u ghadhom isofru minn lezjoni tad-dritt tat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, salv provvedimenti ohra li taghti l-Qorti.

Illi l-intimati da parti taghhom eccepew preliminarjament illi mhumiex il-legittimi kontradditturi, li l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta mhux applikabbli ghaliex m'ghandux x'jaqsam u jeccepixxu l-intempestività tal-proceduri odjerni. Fil-mertu eccepew li m'hemmx lezjoni ta-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali (kif anke riprodott fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar id-dritt ghal smiegh xieraq ukoll li m'hemmx lezjoni tal-Artikolu 1

tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewopea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Provi fl-atti:**

Il-Qorti semghet ix-xhieda ta' **Stefania Calafato Testa** (fol. 204 et seq), Assistent Registratur tal-Qrati Kriminali fis-seduta tal-4 ta' Awwissu, 2022. Rat li din ix-xhud esebiet il-verbal datat 20 ta' Marzu, 2021 (fol. 21 et seq) li jirreferi ghas-seduta quddiem il-Qorti Istruttorja preseduta mill-Magistrat Dr. Charmaine Galea f'liema seduta tressqu taht arrest ir-rikorrenti odjerni. F'dik is-seduta l-Qorti laqghet it-Talba ghal Ordni ta' Qbid u Iffrizar u sekwestru tal-assi kollha mobbli u immobbli tar-rikorrenti. Rat ukoll li dakinhar ir-rikorrenti qua akkuzati ma nghatawx il-helsien mill-arrest.

Rat ukoll il-verbali datati 25 ta' Marzu, 2021 (fol. 26), 26 ta' Marzu, 2021 (fol. 28) u 27 ta' April, 2021 (fol. 30) li saru quddiem il-Qorti Istruttorja preseduta mill-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech. Il-Qorti rat li sa dan il-punt fil-verbali ma ssemma l-ebda taghmir elettroniku filwaqt li izda inghata digriet dwar il-vertenza bejn il-partijiet sabiex issir referenza kostituzzjonali.

Rat ukoll il-verbali tas-seduti quddiem l-Imhallef Dr. Giovanni Grrixti datat 20 ta' April, 2021 (fol. 32), tat-22 ta' April, 2021, tas-26 ta' April, 2021 u tat-28 ta' April, 2021 fejn giet trattata l-possibilita li jinbieghu l-ishma tas-socjeta' rikorrenti odjerna. Rat li fl-ahhar verbal tat-28 ta' April, 2021 l-Qorti Kriminali awtorizzat il-bejgh tal-ishma ta' Lorraine Falzon u Matthew Pace lis-socjeta' Zenith (Tied Insurance Intermediary) Limited bil-kundizzjonijiet kif imposti mill-istess Qorti.

Rat ukoll il-verbali tal-Qorti Istruttorja preseduta mill-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech datati 12 ta' Mejju, 2021 (fol. 45), tal-14 ta' Gunju, 2021 (fol. 47), tal-5 ta' Lulju, 2021 (fol. 50), rat id-differimenti li saru bi qbil bejn il-partijiet u rat il-verbal tat-2 ta' Novembru, 2021 (fol. 56) fejn ghal darb'ohra mkien f'dawn il-verbali ma ssemma xi taghmir elettroniku.

Rat li fil-verbal tal-11 ta' Novembru, 2021 (fol. 58) gie mnizzel kif isegwi wara li xehed Keith Cutajar u esebixxa Dok KCCopy u DOK KCHD:

'Fuq l-ewwel kwezit il-Qorti qed testendi l-inkarigu sabiex isir dak kollu necessarju sabiex tigi estratta d-data minn fuq apparat elettroniku li ghadu ma giex estratta l-informazzjoni minnu.

Id-difiza f'dan l-istadju qieghda toggezzjona li ghall-inkarigu tal-espert stante li l-ottjeniment ta' evidenza, il-prosekutur irid jigu qabel ma jressaq akkuzat u mhux fit-trapass ta' proceduri penali. Illi ghalhekk l-imputati ma jhossux li hu korrett li huma jippartecipaw b'xi informazzjoni kif elenka l-espert u jekk f'pessima ipotezi l-Qorti zzomm ferm mad-digriet tal-estensjoni, certament li tali digriet ghandu jkun kundizzjonat in kwantu l-kap tal-ispejjez.

Il-prosekuzzjoni tirrileva li anke f'dan l-istadju li bdew l-proceduri l-pulizija tista' tkompli tinvestiga. Ghalhekk f'dan l-istadju peress li l-espert ma kellux access ghal dan l-apparat elettroniku, u l-kontenut tieghu hu relevanti ghal din il-kawza, il-prosekuzzjoni tinsisti sabiex jinghata access lill-espert sabiex jaccedi ghal dan l-appart elettroniku.

Filwaqt li l-Qorti qed tilqa' r-riservi tad-difiza dwar il-kap tal-ispejjez liema suggett illum hu assodat b'gurisprudenza anke ricenti, wara li rat l-artikolu 397 u 405 (8) tal-Kodici Kriminali, testendi l-inkarigu ta' Keith Cutajar kif inghad.'

Rat il-verbali sussegwenti tal-15 ta' Dicembru, 2021 (fol. 60), tal-24 ta' Jannar, 2022 (fol. 61), tal-14 ta' Frar, 2022 (fol. 62) u tat-28 ta' Marzu, 2022 (63) fejn it-taghmir elettroniku rega' ma ssemma xejn izda dik il-Qorti ghaddiet sabiex taghti ordnijiet dwar l-amministrazzjoni tal-proprjeta' maqbuda. Din il-Qorti rat ukoll li f'dawn is-seduti ma tressqu l-ebda provi jew xhieda da parti tal-prosekuzzjoni.

Rat il-verbal tal-4 ta' April, 2022 fejn dwar it-taghmir elettroniku gie verbalizzat kif isegwi:

'Dr Mark Vassallo ghall-akkuzati jitlob il-Qorti tiffissa perjodu qasir f'liema zmien l-espert tal-Qorti Keith Cutajar ghandu jipprezenta r-rapport tieghu u jespleta l-inkairgu lilu moghti numru ta' xhur ilu.

Dr Mark Vassallo ghall-imputati jirrileva illi l-mobile, li minhabba fih qed jigu delungati dawn il-proceduri bil-pregudizzju serjissimu ghall-akkuzati, bhala stat ta' fatt kien fil-pussess tal-Pulizija sa mill-ewwel gurnata illi l-akkuzati tressqu l-Qorti aktar minn sena ilu f'dawn ic-cirkostanzi d-Difiza hija tal-fehma illi dan il-fatt, anzi nuqqas da parti tal-prosekuzzjoni jikkontribwixxi l-ezenzjoni tal-Artiklu 6 tal-Konvenjoni Ewropea, tal-Artiklu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Artiklu 6 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Konsegwentement id-Difiza titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirreferi din il-lanjanza lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sede Kostituzzjonali sabiex dik il-Qorti tiddeciedi dwar l-istess u

taghti dawk id-direttivi li thoss opportuni sabiex jigi salvagwardjat ghad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli.

. . .

Il-Prosekuzzjoni tirrileva illi dawn il-proceduri ghadhom fi stadju tal-provi tal-prosekuzzjoni u ghalhekk il-prosekuzzjoni ghadha fiz-zmien li ttella dawk il-provi neccessarji sabix tipprova l-kaz taghha. Wiehed minn dawn il-provi hu illi jespleta l-espert Keith Cutajar u fir-rigward ghat-talba li ressqet id-Difiza ghar-referenza Kostituzzjonali minhabba dewmien f'dawn il-proceduri, il-prosekuzzjoni tirrileva illi matul din is-sena li ilha din il-kawza quddiem din il-Qroti ttellghu provi b'mod kostanti u ghalhekk ma hemmx kaz ta' dewmien f'dawn il-proceduri u ghalhekk din it-talba hija frivola u vessatorja u ma ghandiex tintlaqa.

Il-Qorti tordna lil Keith Cutajar sabiex mhux aktar tard minn l-ahhar ta' dan ix-xahar ghandu jespleta l-inkarigu moghti lilu u dan kif diga sollecitat b'digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Frar 2022.'

Rat li sussegwentement fil-verbal tat-12 ta' April, 2022 (fol. 66) l-espert Keith Cutajar informa l-Qorti bil-problemi li kien qed jiltaqa' maghhom sabiex jespleta l-inkarigu, il-prosekuzzjoni talbet zmien tirregola ruhha dwar il-bzonn tal-prova u d-difiza nfurmat il-Qorti li kienet qed tirtira t-talba ghal referenza kostituzzjonali unikament ghar-raguni li kienet ser tiprocedi direttament quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sede kostituzzjonali.

Ulterjorment rat il-verbal tat-18 ta' Mejju, 2022 (fol. 67) li fih kompliet is-saga dwar l-estrazzjoni tal-informazzjoni mill-mobajl fejn jirrizulta li kienu qed isiru diversi komunikazzjonijiet bejn il-Qorti u l-espert dwar dan il-punt kif ukoll mat-amministrazzjoni

tal-Qrati u gie ordnat li kull komunkazzjoni relatata mal-kaz tigi esebita filwaqt li l-Kap Ezekuttiv giet ordnata titla' tixhed fis-seduta li jmiss quddiem dik il-Qorti sabiex tispjega dak li kien qed isir.

Rat illi fil-verbal tal-1 ta' Gunju, 2022 dik il-Qorti ddikjarat:

'In vista tax-xhieda ta' Keith Cutajar qed tirrevoka l-inkarigu tieghu moghti fil-11 ta' Novembru 2021 sabiex jipprocedi bl-unlocking tal-mobile phone esebit bhala Dok MB17 f'evidence bag numru SC00291820 li jigi ritornat seduta stante mill-espert.'

Rat il-verbal tas-6 ta' Lulju, 2022 (esebit a fol. 71) tal-process li gia saret referenza ampja ghall-kontenut tieghu fir-rikors promotur odjern. Jirrizulta minn dan il-verbal li l-Qorti ordnat lill-Avukat Generali jindika hu ismijiet ta' esperti li potenzjalment jistghu jigu nominati mill-Qorti ai fini li tigi estrapolata l-informazzjoni mill-apparat elettroniku li f'dan il-verbal jigi ndikata bhala mobajl u laptop. Fl-istess verbal il-Qorti talbet l-assistenza mill-Ministeru ghall-Gustizzja bit-tama li tigi rizolta s-sitwazzjoni. Id-Difiza resqet talba sabiex dik il-Qorti taghmel referenza kostituzzjonali tenut kont tat-tul ta' zmien li l-imputati kien ilhom li tressqu taht arrest u li l-kontenut tal-mobajl u l-*laptop* jidher li ma kienx inghata piz fil-mument li huma tressqu arrestati w'ghalhekk issejjah l-ezercizzju u l-insistenza tal-prosekuzzjoni bhala 'fishing expedition'. Il-prosekuzzjoni da parti taghha cahdet li t-talba saret fi stadju inoltrat anzi sostniet li l-maggor parti tal-provi tressqu fl-inkjesta magisterjali mmexxija mill-Magistrat Josette Demicoli, li l-mobajl u l-laptop in kwistjoni gew elevati wara li nghalqet l-inkjesta w'ghalhekk it-talba ma setghetx ssir lill-Magistrat Inkwirenti. Il-prosekuzzjoni nsistiet li hija marbuta li tressaq l-

ahjar prova w'ghalhekk mhux kwistjoni li qed tiprova ttawwal. Fl-istess seduta ntalab li allura jixhed l-Ispettur Ian Camilleri.

Rat il-verbal tal-Qorti Kriminali datat 14 ta' Lulju, 2022 (fol. 74). Rat ukoll li fil-verbal tal-Qorti Istruttorja datat 25 ta' Lulju, 2022 dik il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-Avukat Generali li r-Registratur tal-Qrati mhux f'posizzjoni li jindika xi espert sabiex isir l-*unlocking* tal-mobajl ta' Matthew Pace.

Rat ukoll il-kopja tax-xhieda tal-espert **Keith Cutajar** moghtija quddiem il-Qorti istruttorja datata 11 ta' Novembru, 2021 (fol. 77). Fix-xhieda tieghu huwa jghid li nghata nkarigu sabiex janalizza 18-il mobile, laptops jew computers u hard drives. Jispjega li kellu problema sabiex jiftah numru ta' mobajls li kienu *pin* protected. Il-Qorti Istruttorja f'dak l-istadju estendiet l-inkarigu tieghu sabiex isir dak kollu neccessarju biex tigi estratta d-data minn fuq apparat elettroniku li ghadu ma giex estratta l-informazzjoni minnu.

Rat li l-istess espert rega' xehed quddiem il-Qorti Istruttorja nhar it-12 ta' April 2022 (fol. 78 et seq tal-process). F'din ix-xhieda jispjega li l-*unlocking* li kien hemm bzonn kien ta' mobajl apple iphone 11 li kien gie esebit bhala repert quddiem il-Magistrat Dr. Charmaine Galea bir-referenza MB 17. Jispjega wkoll li minhabba li l-kumpanija barranija issa qed tirrrikjedi li jsir *due diligence test* fuq min qed jingagga biex tiftah l-apparat, kien hemm xi problemi ghar-raguni li l-Qrati jirrizultaw li fi hdanhom ghandhom Politically Exposed Persons (PEP's) w'ghalhekk il-procedura kienet qed titwal. Ix-xhud ma setax jghid ghall-liema persuni kienet qed issir referenza. Rat li tul l-istess xhieda l-Qorti staqsiet lill-prosekuzzjoni kinitx qed tinsisti ghal din il-prova u rrispodiet

fil-posittiv anki meta mwissija mill-Qorti li din ma ghandhiex tkun 'fishing expedition'.

L-istess espert rega' xehed quddiem il-Qorti Istruttorja nhar it-18 ta' Mejju, 2022 (fol. 81 et seq) fejn ikkonferma li s-sitwazzjoni kienet ghadha wieqfa. Rat ukoll li l-prosekuzzjoni f'dik is-seduta baqghet tinsisti ghall-prova. Rat ukoll li fix-xhieda tal-istess datata 1 ta' Gunju, 2022 l-Qorti ghaddiet sabiex tirrevoka l-inkarigu tal-espert.

Rat ir-**repert CG-20210306-ML** esebit a fol. 83 et seq tal-process li l-original tieghu gie esebit quddiem il-Magistrat Inkwerenti Dr. Charmaine Galea. Rat fl-atti tal-istess id-dettalji tal-apparat elettroniku kollu elevat. Rat li bosta mill-apparat elettroniku gie analizzat izda l-mobajl in kwistjoni ma setghetx tinhareg l-informazzjoni minnu ghaliex kien *pin protected*.

L-espert **Keith Cutajar** xehed ukoll quddiem din il-Qorti nhar il-5 ta' Ottubru, 2022 fejn rega' spjega id-diffikultajiet li huwa ltaqa' maghhom sabiex ikun jista' jespleta l-inkarigu tieghu li jiftah l-informazzjoni fuq il-mobajl in kwistjoni. Jispjega li kien originarjament nominat fl-atti tal-inkjesta mill-Magistrat Dr. Charmaine Galea u prezenta r-rapport tieghu lill-magistrat Dr Donatella Frendo Dimech stante li kienu tressqu akkuzati. Jixhed li l-kwistjoni hija biss fuq mobajl esebit MB 17 fir-repert datat 7 ta' Marzu, 2021 u ma jsemmi l-ebda *laptop*. F'din ix-xhieda pjuttost estensiva ix-xhud jispjega kemm dam gej u sejjer, jibghat e-mails u jricievi komuniki, saru laqghat sabiex jara kif ser jaghmel sabiex ikun jista' jespleta l-inkarigu izda mal-kumpanija li toffri dan is-servizz ma wasalx. Jghid li anki pruvaw tramite l-ministeru bl-ghan li jaslu biex b'xi mod tkun tista' tigi estratta d-*data* imma ma waslux. Jixhed li l-problema ma .nqalitx fil-kaz tar-rikorrenti

odjerni biss imma f'kazijiet ohra fejn ukoll ma jistghux jigu *unlocked* mobajls. Jghid li d-diskussjonijiet mal-Magistrat kienu jkunu in generali u mhux fuq xi kaz partikolari.

Rat ix-xhieda tal-Kap. Ezekuttiv tal-Agenzija tal-Qrati il-**PL Eunice Grech Fiorini** li nghatat quddiem il-Qorti Istruttorja nhar l-1 ta' Gunju, 2022 (fol. 156 et seq tal-process) fejn basikament xehdet li sa dakinhar ma kien ghad hemm l-ebda zblokk mal-kumpanija barranija sabiex jinbeda l-process biex jinfetah l-apparat elettroniku in kwistjoni.

Rat il-korrispondenza elettronika esebita a fol. 178 et seq tal-process mill-Kap Ezekuttiv tal-Agenzija u li ghalih ghamlet referenza fix-xhieda taghha.

Rat li l-istess Kap Ezekuttiv xehdet ukoll quddiem din l-istess Qorti nhar l-4 ta' Awwissu, 2022 (fol. 208 et seq) fejn tista' tghid regghet ikkonfermat dak li kienet xehdet quddiem il-Qorti Istruttorja. Fuq domanda ta' din l-istess Qorti l-Kap Ezekuttiv ikkonfermat li ma hawn hadd f'Malta li jista' jaghmel l-'unlocking' tal-apparat in kwistjoni u li l-Agenzija pruvat iggib is-sistema hi imma rat li mhux 'worth-it' ghaliex is-sistema tiehu mobajl wiehed u mhux aktar u tista' ddum tahdem fuq mobajl anki sitt xhur. Tispjega li kien f'dan il-kaz li nstabu l-intoppi u li fuq kazijiet ohra fejn l-Agenzija ntalbet il-KYC (know your client) din inghatat u ma regghetx semghet bil-kaz.

Rat a fol. 158 id-digriet tal-Qorti Istruttorja datat 7 ta' Lulju, 2022 li jaqra kif isegwi:

'Wara li kemm l-Avukat Generali kif ukoll il-Ministeru tal-Gustizzja gew mitluba jindikaw esperti li jistghu jinhatru sabiex isir dak mitlub mill-Avukat Generali;

Tordna lir-Registratur tal-Qorti, il-Ministeru ghal Gustizzja w l-Avukat Generali sabiex fi zmien gimghatejn milum jindikaw permezz ta' nota dawk il-persuni jew entitajiet li jistghu jnhatru bhala esperti ghall-iskop imsemmi u cioe' sabiex isir *unlocking* tal-apparat elettroniku tal-imputat (mobile u laptop) li hu *password protected. . . .'*

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali esebita a fol. 159 fejn abbazi tal-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali ddikjara li ma kienx ser jiprezenta lista ta' esperti.

Rat id-digriet tal-Qorti Istruttorja datat 25 ta' Lulju, 2022 (fol. 160) fejn dik il-Qorti regghet tat direzzjonijiet b'tentattiv sabiex tisblokka s-sitwazzjoni in vista tad-dewmien li kien qed isehh fil-kumpilazzjoni tal-provi rizultat li ma seta jinstab hadd li jaghmel ix-xoghol li jiftah l-informazzjoni fuq l-apparat elettroniku in kwistjoni. Finalment dik il-Qorti ddikjarat:

'Huwa imperattiv li l-Qrati Maltin ikollhom ghad-disposizzjoni taghhom l-ghodda kollha mehtiega ghall-glieda kontra l-kriminalita' u fl-istess hin ghall-glieda sabiex tinkixef il-verita' w issir gustizzja fi zmien ragonevoli.

Ghal darb'ohra tissolecita l-awtoritajiet rispettivi sabiex tinsab soluzzjoni ghal din il-kwistjoni li qed tissarraf biss biex tigi imminata r-*rule of law* billi kawzi mhux biss ma jinstemghawx fi zmien ragonevoli izda bis-sogru li l-prosekuzzjoni tigi impeduta

milli tressaq il-porvi taghha u/jew mfixkla milli tipprova l-kaz taghha sal-grad mistenni.'

Rat a fol. 162 et seq ix-xhieda tal-**Ispettur Ian Camilleri,** moghtija fl-atti tal-kumpilazzjoni, f'liema xhieda huwa filwaqt li jikkonferma kien involut sew fl-investigazzjoni jikkonferma wkoll li d-decizjoni li jitressqu l-imputati ttiehdet minghajr ma kellhom access ghal *mobile phone* u l-*laptop* in kwistjoni ghaliex ma kellhomx access ghalihom. Mistoqsi allura:

'Jigifieri intom ressaqtu fuq dak li hemm fl-atti biss, kien hemm bizzejjed.'

jirrispondi li iva.

L-ispettur **Ian Camilleri** xehed ukoll f'dawn il-proceduri a fol. 307 et seq tal-process nhar il-25 ta' Awwissu, 2022. Huwa jghid li meta Matthew Pace gie arrestat ma kienx provda l-*password* tieghu. Izid li sal-ahhar li kien jaf hu ma kienx irnexxielhom inizzlu l-informazzjoni minn dan il-mobajl. Jikkonferma li meta nhalfet l-akkuza kontra r-rikorrenti l-prosekuzzjoni ma kellhiex informazzjoni dwar x'kien fih dan il-mobajl. Jikkonferma wkoll li ghadhom ma jafux x'fih dan il-mobajl. Mistoqsi izda x'inhu l-oggett tal-prova permezz tal-mobajl jghid li:

'ovvjament mobile phone jista' jzomm data fih li tista' tkun krucjali hafna ghal dak l-allegat reat'

imma jikkonferma li ma jafux x'fih. Jixhed li ghadhom ma jafux jekk hemm'x xi haga inkriminanti f'dan il-mobajl. Jghid ukoll li l-ordni sabiex tigi estratta l-informazzjoni minn dan il-mobajl kienet saret mill-bidu mill-Magistrat Inkwirenti. Jghid li l-ewwel darba li

ntalab il-*password* tal-mobile lir-rikorrent odjern kien waqt l-arrest imma ma kienx prezenti. Izid li hu talbu lil Matthew Pace ukoll waqt l-istqarrija mbaghad tressqu immedjatament wara. Mistoqsi ghalfejn ma tahx waqt l-interrogazzjoni jwiegeb:

'Kien qal li ma jridx itih semplicement ghax ma kienx f'pozizzjoni li jaghti l-pin number tieghu.'

Rat a fol. 163 et seq il-kopji tar-rinviji da parti tal-Avukat Generali. Rat li dawn ir-rinviji mix-xahar ta' Awwissu 2021 bdew ikunu unikament sabiex il-Qorti 'Tiehu konizzjoni ta' kull prova ohra li l-Pulizija jidhrilha xierqa li tressaq' fil-kaz u konsegwentement specifikatament fuq il-kwistjoni tal-apparat elettroniku cioe' mobajl u *laptop*.

Rat ix-xhieda tar-rikorrent **Matthew Pace** li nghatat quddiemha fis-seduta tal-4 ta' Awwissu, 2022. Huwa jixhed li meta l-pulizija kienu marru fl-ufficini da parti taghhom ir-rikorrenti kienu tawhom l-informazzjoni kollha li talbuhom Jghid li kemm-il darba wkoll ntalbu jixhdu f'inkjesti ta' terzi u dejjem taw l-informazzjoni mitluba. Dwar meta gie arrestat nhar is-7 ta' Marzu, 2021 jghid li hu qas kien id-dar imma meta gie nfurmat fuq it-telefon tal-mara tieghu li l-pulizija rieduh huwa qabad u mar lejn id-dar. Jghid li hallihom jaghmlu s-*searches* li kellhom jaghmlu u kien hu stess li qalilhom li kellu l-*laptop* fil-karozza ghax m'ghandux x'jahbi. Talbuh il-mobajl u tajulhom. Izid li ghalkemm talbuh il-*password* huwa dak il-hin kien ghadu ma kellimx lill-Avukat w'ghalhekk dak il-hin ghazel li ma jtihulhomx. Jghid li jiddubita jekk wara dak il-hin qattx rega' gie mistoqsi fuq dan il-mobajl u sema' bih disa' xhur wara fil-Qorti. Dwar il-password jixhed:

'Jiena fl-interess tieghi li din il-bicca xoghol tinheles kemm jista' jkun malajr jigifieri, l-unika raguni li ma tajtulhomx ghaliex jien f'sena u nofs nbidlitli hajti kompletament. Filli nhaddem sebghin, tmenin ruh u filli xejn. Filli kumpanija tiswa 25 miljun filli qieghed bid-dejn, insejt kompletament mela jien se niftakar dak in-number, ma nafux, genwinament ma nafux'.

Rat ix-xhieda ta' **Hector Spiteri** (awditur forensiku nominat mill-Qorti Kriminali) a fol. 301 et seq tal-process u d-dokumentazzjoni esebita minnu a fol. 221 et seq tal-process. Jispjega li hu gie nominat bhala amministratur tas-socjeta' rikorrenti Zenith Finance Limited mill-Imhallef Edwina Grima. Jixhed dwar il-valur tal-kumpanija u x'sar minnha pendenti l-proceduri kriminali. Jghid li wiehed irid jiddistingwi wkoll bejn din il-kumpanija rikorrenti u Zenith TII. Fiz-zewg kumpaniji l-azzjonisti huma r-rikorrenti Falzon u Pace.

Mistoqsi dwar l-impatt li kellhom il-proceduri kriminali fuq il-kumpaniji jghid li iz-Zenith TII kienet stmata li tiswa cirka 10 miljuni. Rizultat tal-proceduri kriminali:

'Material uncertainty illi vera din tiswa hekk imma minhabba l-proceduri ghaddejjin, minhabba d-dewmien, minhabba c-chances illi l-licenzja ma tigix, illi l-bejgh ma jsirx qabel ma tigi extended il-licenzja eccetra, il-kumpanija tista' tigi tiswa zero.'

Dwar is-socjeta' rikorrent Zenith Finance jghid li fl-opinjoni tieghu tieghu il-valutazzjoni hija bejn 9.4 miljun u 10.1 miljun.

Rat li fis-seduta tat-8 ta' Novembru, 2022 regghet ittellghet tixhed **Stefania Calafato Testa**, Assistent Registratur tal-Qrati Kriminali li esebiet ir-rinviju tal-Avukat Generali datat 29 ta' Settembru,

2022 (fol. 336) li ghal darb'oha kien limitat biss ghall-estrazzjoni tal-informazzjoni mill-mobajl. Esebiet ukoll il-verbal tal-Qorti Istruttorja datat 4 ta' Ottubru, 2022 fejn dik il-Qorti hatret lil Max Xuereb sabiex jestratta l-kontenut u l-analizi tal-mobajl MB17 u dan mill-aktar fiss. Ordnat ukoll li peress li dan il-verbal irid jintbaghat lill-awtoritajiet barranin tordna li l-inkarigu tal-espert Xuereb jigi formulat bl-Ingliz.

Rat ukoll li giet esebita kopja tar-repert tal-Magistrat Dr. Charmaine Galea datat li jgib id-data tal-25 ta' Marzu, 2021 u li nbeda fuq rapport datat 7 ta' Marzu, 2021. Minn dan jirrizulta li l-inkarigu originali sabiex jigi analizzat dan il-mobajl flimkien ma' oggetti ohra inghata nhar il-11 ta' Marzu, 2021 (ara fol. 349) cioe' qabel ma tressqu b'akkuza r-rikorrenti.

**Eccezzjoni preliminari li l-intimati imhumiex il-legittimi kontradditturi:**

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-intimati ssostni li m'humiex il-legittimi kontradditturi sabiex iwiegbu ghall-ilmenti kif impustati mir-rikorrenti fir-rikors promotur. Il-Qorti rat li r-rikorrenti qed isostnu li rizultat tad-dewmien fil-proceduri pendenti kontra taghhom fil-Qrati, mmexxija mill-Avukat Generali u l-Pulizija allegatament qed isofru lezjoni tal-jedd fundamentali taghhom ghal smiegh xieraq u wkoll ir-rikorrenti jallegaw ksur tal-jedd fundamentali taghhom ghat-tgawdija tal-proprjeta.

Illi kemm dwar il-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll l-Avukat Generali, fil-kaz odjern jirrizulta li l-prosekuzzjoni qed titmexxa mill-ufficju tal-Avukat Generali bl-ghajnuna tal-Kummissarju tal-Pulizija, it-tnejn formanti parti mill-Istat Malti u r-rikorrenti

jippuntaw subajhom lejn l-istess prosekuzzjoni fejn allegatament isostnu li bl-agir taghhom li jinsistu ghal prova li ma tistax tigi ottenuta qed jitwalu l-proceduri b'lezjoni tal-jeddijiet taghhom. Certament allura jirrizulta li kemm l-Avukat Generali kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija huma persuni nteressati fil-proceduri odjerna partikolarment in vista tar-rimedji li qed jintalbu minn din il-Qorti partikolarment fit-tielet talba tar-rikorrenti li jitolbu li l-intimati jagixxu b'certu mod. Il-Qorti tqis li l-kwistjoni dwar jekk verament l-Avukat Generali u l-Kummissjaru intimat hux verament qed jagixxu bi ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti hija appuntu l-mertu tal-proceduri odjerni ghalhekk zgur ma jistax jigi eskluz *ab inizio* l-interess taghhom fil-proceduri odjerni.

In vista tas-suespost il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati.

**Eccezzjoni preliminari li l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta mhux applikabbli ghaliex m'ghandux x'jaqsam:**

Illi fit-tieni eccezzjoni preliminari taghhom l-intimati jsostnu li:

'in kwantu fil-premessi, kif ukoll fl-ewwel (1) u t-tieni (2) talba fir-rikors promotur issir referenza ghall-Artikolu 6 tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti jecepixxu li dan l-Artikolu ma huwiex relevanti ghal dak lamentat mir-rikorrenti stante li jitratta l-esegwibbilita' tad-decizjoniet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u ghalhekk ma tistax tinstab vjolazzjoni tal-imsemmi Artikolu.  F'kaz li r-rikorrenti riedu jfissur l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, dan ukoll ma giex u ma huwiex jigi miksur.'

Illi minn qari tal-premessi u t-talbiet tar-rikorrenti huwa car ghal din il-Qorti li l-indikazzjoni da parti tar-rikorrenti ghall-artikolu 6 tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta saret purament bi zball fejn naqzu jindikaw ukoll li l-artikolu in kwistjoni huwa tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 u cioe' appuntu l-artikolu dwar il-jedd ghal smiegh xieraq.

Ghalhekk filwaqt li l-Qorti tirrikonoxxi li l-intimati ghandhom raguni fl-eccezzjoni taghhom, tqis li dan mhux zball li ma jistax jigi sanat ghar-raguni li huwa car ghal-liema artikolu tal-ligi r-rikorrenti qed jalludu. Ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti ser tilqa' din l-eccezzjoni fis-sens li hija ser tikkunsidra t-talbiet tar-rikorrenti fil-linja tal-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 li jitratta l-jedd ghal smiegh xieraq anki u mhux l-artikolu erronjament indikat mir-rikorrenti.

**Eccezzjoni preliminari dwar l-intempestività tal-proceduri odjerni:**

Illi t-tielet eccezzjoni preliminari ssostni li:

'huwa pacifiku li d-dritt ghal smigh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita' tal-proceduri kollha u <u>mhux dwar parti biss tal-proceduri u cioe' dwar ftit xhur.</u> Ghaldaqstant tenut kont li l-proceduri ghadhom fi stadju prematur hafna, l-esponenti jecepixxu li l-proceduri odjerni huma intempestivi. Ghaldaqstant, f'dan l-istadju kawza msejsa fuq l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija prematura u ghandha tigi dikjarata bhala tali.'

Illi kif jissottomettu l-istess intimati, il-gurisprudenza dwar dan il-punt mihiex wahda rigoruza li ma thalli l-ebda eccezzjoni ghal dan il-principju stabilit permezz tal-gurisprudenza. Fil-kaz odjern ir-rikorrenti qed jilmentaw minn dewmien ghal raguni partikolari u cioe' d-dewmien sabiex jinstab espert li jkun jista' jaccedi u jnizzel l-informazzjoni mill-mobajl u *laptop* tar-rikorrenti Matthew Pace li huma protetti permezz ta' *pin number* jew *password*. Il-Qorti tqis li sabiex jigi evalwat jekk din l-eccezzjoni mqajjma mill-intimati hija valida jew le ghall-kaz odjern l-Qorti ghandha l-ewwel tevalwa l-kaz kollu fil-mertu, ghalhekk ser tghaddi sabiex fl-ewwel lok tezamina l-mertu tal-kaz odjern u finalment taghti wkoll decizjoni dwar din l-eccezzjoni.

**Mertu:**

**(i) Allegat ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq rizultat ta' dewmien fil-proceduri kriminali:**

Illi fil-parti rilevanti ghall-kaz odjern l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittjiet tal-Bniedem jaqra kif isegwi:

'1. Fid-determinazzjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi.'

L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fil-parti rilevanti tieghu jaqra kif isegwi:

.

'(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.'

Huwa pacifiku kemm fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea kif ukoll tal-Qrati Maltin li certu dewmien fil-proceduri fil-Qrati jista' f'certu cirksutanzi jigi meqjus lesiv ghall-jedd ghal smiegh xieraq.

Illi da parti taghhom r-rikorrenti jsostnu li d-dewmien sabiex effettivament jinstab espert li jkun jista' jestrapola l-informazzjoni minn fuq il-mobajl u l-*laptop* tar-rikorrent Matthew Pace, li huma protetti b'*pin* jew *password,* qed jikser il-jedd ta' smiegh xieraq taghhom. Izidu li t-talba sabiex tigi estratta din l-informazzjoni minn fuq dan l-apparat saret f'data ferm aktar tard wara li tressqu akkuzati b'reati relatati mal-hasil ta' flus u dan mill-intimati w'ghalhekk jinkulpawhom li bl-agir taghhom qed jiksru l-jedd fundamentali taghhom ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli. Ir-rikorrenti jidhlu f'aktar dettal u jsostnu li t-talba ghal din l-informazzjoni saret tard, illi meta tressqu originarjament huma ma tressqux abbazi ta' din l-informazzjoni stante li ma kinitx disponibbli ghall-prosekuzzjoi w'ghalhekk isejhu l-agir tal-intimati bhala 'fishing expedition'.

Illi minn analizi tal-provi din il-Qorti ma tistax ma tirrilevax li mhux car jekk verament l-apparat elettroniku in kwistjoni hux biss mobajl jew mobajl u laptop stante li daqqa jisemma biss mobajl u f'partijiet ohra jissemmew it-tnejn. Il-Qorti ser tillimita ruhha izda ai fini ta' din il-lanjanza ghall-kwistjoni tad-dewmien.

Illi minn analizi tal-provi suesposti jirrizulta li mhux minnu li t-talba sabiex tigi estratta din l-informazzjoni mill-apparat in kwistjoni saret wara li r-rikorrenti tressqu akkuzati. Jirrizulta effettivament, ghall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, li l-ordni / digriet sabiex l-espert nominat jestrapola din l-informazzjoni inghatat mal-Magistrat Inkwirenti Dr. Charmaine

Galea nhar il-11 ta' Marzu, 2021 cioe disat'jiem qabel ma r-rikorrenti tressqu akkuzati u dan fl-atti tar-repert li kienet qed tmexxi l-Magistrat Galea. Jirrizulta wkoll li l-espert nominat sab diffikultajiet biex jestrapola l-informazzjoni minhabba l-*pin* jew *password* u b'dan huwa nforma lill-Magistrat Dr Donatella Frendo Dimech waqt is-smiegh tal-kumpilazzjoni kif gia suespost stante li fil-frattemp ir-rikorrenti kienu tressqu akkuzati.

Jirrizulta lil din il-Qorti li huwa minnu li d-diffikultajiet li ltaqa' maghhom l-espert Keith Cutajar spiccaw tawlu l-istadju tal-gbir tal-provi tal-prosekuzzjoni fl-istadju tal-kumpilazzjoni, tant li ghadhom pendenti sallum, fejn jirrizulta li issa gie nominat espert iehor Max Xuereb sabiex possibilment jespleta dan l-inkarigu permezz ta' digriet datat 4 ta' Ottubru, 2022.

Illi mill-provi li tressqu fl-atti odjerni jirrizulta li l-kaz kriminali fil-konfront tar-rikorrenti ilu wieqaf jistenna xi tip ta' sblokk fit-tentattiv li tigi estrapolata l-informazzjoni mill-apparat elettroniku in kwistjoni sa' minn Awwissu, 2021. Dan johrog kemm mill-verbali tal-Qorti Istruttorja kif ukoll mir-rinviji tal-Avukat Generali li jaghmlu biss referenza ghal din il-prova u l-ebda prova ohra.

Il-Qorti rat li l-kawza odjerna giet intavolata fis-26 ta' Lulju, 2022 w'ghalhekk madwar sena' wara minn meta bdew isehhu s-seduti quddiem il-Magistrat nkwirenti li tista' tghid trattaw biss din il-problema u xejn aktar. Sal-lum, cioe' 28 ta' Frar, 2023 jirrizulta lil din il-Qorti, almenu mill-atti odjerni, li ma kien hemm l-ebda success sabiex tigi estratta din l-informazzjoni biex b'hekk il-prosekuzzjoni tkun tista' tiprocedi biex taghlaq il-provi taghha u l-kaz ikompli l-perkors tieghu. Dan ifisser li l-kaz kontra r-rikorrenti ilu wieqaf ghar-raguni li l-Istat kif anki rapprezentat

mill-intimati naqas milli jiprovdi l-ghodda neccessarja biex tigi ottenuta l-prova li qed jinsistu fuqha l-intimati ghal mill-anqas **ghoxrin (20) xahar** u dan f'kaz li b'kollox s'issa ilu pendenti fil-Qrati ghal ftit anqas minn **erbgha u ghoxrin (24) xahar**. Jidher ghalhekk li salv ghal dan l-intopp l-istadju tal-provi prosekuzzjoi fil-kaz odjern seta' jigi maghluq f'sest (1/6) taz-zmien li attwalment ilu ghaddej. Dan ifisser ukoll li l-istadju tal-kumpilazzjoni li normalment kellu jiehu biss ftit xhur issa wasal biex jaqbez il-perjodu ta' sentejn unikament minhabba problema ta' gbir ta' provi li certament ma tistax tigi mputata lir-rikorrenti odjerni, akkuzati fil-proceduri kriminali *de quo*.

Illi huwa l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tressaq il-provi kontra r-rikorrenti akkuzati u mhux vice-versa. Huwa wkoll verament l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar prova, izda huwa wkoll l-obbligu taghha li dan taghmlu fi zmien ragonevoli, kriterju li evidentement fil-kaz odjern mhux qed jigi osservat. Id-dewmien tant huwa lampanti li l-Qorti tqis li lanqas hemm ghalfejn wiehed joqghod jistenna li jigu konkluzi l-proceduri kontra r-rikorrenti sabiex jikkonkludi t-trapass li gia sehh mhux wiehed gustifikat f'termini tad-dritt ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli.

Illi l-Qorti in vista tas-suespost tqis li d-dewmien ta' mill-anqas ghoxrin (20) xahar fl-istadju tal-kumpilazzjoni tal-provi kontra r-rikorrenti, rizultat tan-nuqqas ta' rizorsi sabiex tigi estrapolata l-informazzjoni mill-*mobajl* u l-*laptop* in kwistjoni, prova li qed jinsistu fuqha l-intimati, twassal ghal lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti odjerni ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

In vista tal-konkluzjoni suesposta l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad ukoll it-tielet eccezzjoni tal-intimati dwar l-intempestivita.

Illi l-Qorti ma tqisx li f'ambitu kostituzzjonali ghandha tidhol f'analizi dwar jekk il-prova hijiex wahda neccessarja fil-kaz kriminali kontra r-rikorrenti, dak huwa kompitu tal-intimati li jevalwaw fil-proceduri kriminali, huwa ghalhekk biss fis-sens suespost li l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti ser jigu milqugha u cioe' li huwa d-dewmien li qed iwassal ghal lezjoni u mhux it-talba ghall-prova *per se.*

Illi permezz tat-tielet talba taghhom ir-rikorrenti jitolbu li din il-Qorti:

'Tiffissa perjodu qasir u perentorju li matulu l-Avukat Generali u l-prosekuzzjoni jkunu mistennija jikkonkludu l-provi taghhom u jiddikjaraw l-istadju tal-provi taghhom maghluq u fin-nuqqas ta' dan tordna li fi tmiem ta' dan il-perjodu qasir u perentorju l-istadju tal-provi tal-Avukat Generali u l-prosekuzzjoni jigi dikjarat maghluq b'ordni tal-Qorti'.

Apparti s-suespost permezz tal-hames talba taghhom jitolbu li din il-Qorti taghti dawk il-provvedimenti kollha li thoss neccessarji sabiex jigu salvgwardjati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

Illi mill-atti l-Qorti rat li l-perjodu massimu li wiehed jistenna li hemm bzonn sabiex espert li jkollu l-apparat idoneu jestrapola l-informazzjoni neccessarja huwa dak ta' sitt xhur. Jirrizulta li l-Qorti Istruttorja nnominat lil Max Xuereb bhala espert sabiex jespleta dan l-inkarigu nhar l-4 ta' Ottubru, 2022. Il-Qorti ghalhekk ser tilqa' it-tielet u l-hames talba u taghti rimedju lir-rikorrenti ghall-ksur tal-jedd fundamentali taghhom billi taghti

ordni li jekk fi zmien sitt xhur mid-data tal-4 ta' Ottubru, 2022 il-prova in kwistjoni ma tkunx ghadha giet ottenuta u prezentata fl-atti tal-kumpilazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti odjerni, allura l-Qorti Inkwirenti ghandha tghaddi sabiex immedjatament taghlaq il-provi tal-prosekuzzjoni minghajr ebda dewmien ulterjuri.

Il-Qorti, f'dan l-istadju tal-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti, tqis li d-dikjarazzjoni tal-ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal-smiegh xieraq fi zmien ragonevoli u l-ordni suesposta huma l-aktar rimedju effettiv li tista' taghti lir-rikorrenti u ma tqisx li huwa l-lok li fil-kaz odjern jigu kalkolati xi danni ulterjuri favur ir-rikorrenti.

**ii) Allegat ksur tad-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tar-rikorrenti fit-termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea:**

Illi l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

> 'Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.
>
> Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.'

Illi l-interpretazzjoni moghtija b'mod kostanti mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni hija li:

> 'Article 1 of Protocol No. 1 comprises three distinct rules: the first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the first paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; the third rule, stated in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, inter alia, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not, however, distinct, in the sense of being unconnected. The second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule (see, among others, **James and Others vs The United Kingdom**, 21 February 1986, §37, Series A no. 98, which reiterates in part the principles laid down by the Court in **Sporrong and Lönnroth vs Sweden**, 23 September 1982, §61, Series A no. 52; see also **Broniowski vs Poland** (GC), n0. 31443/96, §134, ECHR 2004-V). **Hutten-Czapska v. Poland**.)[1]'.

Fl-istess decizjoni l-Qorti kompliet issostni li huma tlieta (3) r-rekwiziti li ghandhom jigu sodisfatti sabiex interferenza mill-istat titqies bhala permissibbli, billi jigi analizzat is-segwenti:

i. jekk il-mizura adottata mill-Istat tkunx saret fil-kuntest ta' qafas legali;

[1] Applikazzjoni numru: 35015/97 – 19th June, 2006.

ii. jekk l-iskop tal-mizura jilhaqx ghan legittimu; u

iii. jekk il-mizura li tkun ittiehdet zammitx bilanc proporzjonat bejn l-ghan socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Bronoiwski -vs- Poland** (App. Nru. 31443/96, 147, ECtHR 2004-V) il-Qorti Ewropea rriteniet is-segwenti fir-rigward tal-ewwel element:

> '2. The first and most important requirement of Article 1 of Protocol No. 1 is that any interference by a public authority with the peaceful enjoyment of possessions should be lawful: the second sentence of the first paragraph authorises a deprivation of possessions only "subject to the conditions provided for by law" and the second paragraph recognises that States have the right to control the use of property by enforcing "laws". Moreover, the rule of law, one of the fundamental principles of a democratic society, is inherent in all the Articles of the Convention (see The former King of Greece and Other v. Greece (GC), no. 25701/94, 79, ECHR 2000-XII, with further references, and latridis, cited above, 58).
>
> 'The principle of lawfulness also presupposes that the applicable provisions of domestic law are sufficiently accessible, precise and foreseeable in their application (Ara wkoll **Amato Gauci -vs- Malta**, (QEDB No. 47045/06, 53, 15th September, 2009).'

Illi milli fehmet din il-Qorti mill-atti u minn kif tressqu l-provi quddiemha jirrizulta li r-rikorrenti mhux qed jilmentaw mill-ordni ta' ffrizar impost fuqhom *per se* imma mill-fatt li rizultat tad-dewmien sabiex jinghalqu l-provi tal-prosekuzzjoni, kif gia suespost, din l-ordni ta' ffrizar spiccat titwal hafna fl-effettivita taghha stante li l-proceduri kriminali jinstabu stultifikati. Isostnu li rizultat tal-ordni ta' ffrizar u l-persistenza tieghu, l-kumpaniji u l-ishma involuti proprjeta' tar-rikorrenti spiccaw tilfu sew mill-valur taghhom cioe' minn valur ta' madwar ghoxrin miljun spiccaw ma jiswew xejn.

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li l-proprjeta' tar-rikorrenti, sallum, ghadha bl-ebda mod ma ttiehdet mill-istess rikorrenti izda permezz tal-ordni ta' ffrizar gie limitat l-access lir-rikorrenti ghall-istess proprjeta pendenti l-ezitu tal-proceduri kriminali fil-konfront taghhom. Ma hemmx dubju li l-Istat ghandu kull jedd li jimponi certu restrizzjonijiet fuq l-akkuzati pendenti proceduri kriminali u dan sabiex jissalvgwardja l-ezitu tal-istess proceduri, fondi u proprjeta' li possibilment hija rizultat ta' agir kriminali u wkoll l-interess pubbliku in generali.

Il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghall-artikolu 8 intitolat 'Salvagwardji' tad-Direttiva 2014/42/EU 'Dwar l-iffrizar u l-konfiska ta' mezzi strumenetali u r-rikavat minn attivita' kriminali fl-Unjoni Ewropea' li jaqra kif isegwi:

'1. L-Istati Membri ghandhom jiehdu l-mizuri mehtiega biex jizguraw li l-persuni affettwati mill-mizuri previsti skont din id-Direttiva jkollhom id-dritt ghal rimedju effettiv u process gust sabiex jitharsu d-drittijiet taghhom.'

U

‘4. L-Istati Membri ghandhom jipprevedu l-possibbilta' effettiva li l-persuna li l-proprjetà taghha tkun giet affettwata tikkontesta l-ordni ta ffrizar quddiem qorti, f’konformità mal-proceduri stipulati fil-ligi nazzjonali.’

Illi fil-kaz odjern ma hemmx dubju li l-mizura in kwistjoni cioe’ l-ordni sabiex jigu ffrizati l-assi kollha tar-rikorrenti temani minn qafas legali li huwa appuntu d-Direttiva 2014/42/EU datata 3 ta’ April, 2014 ‘Dwar l-iffrizar u l-konfiska ta’ mezzi strumentali u r-rikavat minn attivita’ kriminali fl-Unjoni Ewropea’ kif trasposta fil-Kap. 373 tal-Ligijiet ta’ Malta ‘Att dwar l-Money Laundering) u wkoll il-Kap 9, Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta. Jirrizulta li l-ordni ta’ ffrizar inhareg mill-Qorti Istruttorja permezz tal-poter moghti lilha mill-istess Kap. 373 fil-mument li r-rikorrenti tressqu b’arrest w’ghaldaqstant il-mizura attakkata mir-rikorrenti tissodisfa l-ewwel rekwizit li temani minn qafas legali.

Illi dwar jekk l-iskop tal-mizura jilhaqx ghan legittimu jirrizulta li l-iskop tal-mizura li tippermetti l-ordni ta’ ffrizar fuq l-assi tar-rikorrenti huwa sabiex izzomm lil persuna akkuzata b’kummissjoni ta’ reat rilevanti jew reat ta’ hasil ta’ flus milli jiddisponi mill-assi, kemm mobbli kif ukoll immobbli, li l-provenjenza u l-uzu taghha jkun gej mill-istess attivita’ kriminali u din is-salvagwardja hija ntiza fl-interess pubbliku. Ghalhekk il-mizura hija ntiza sabiex tissalvagwardja l-assi pendenti ezitu finali fil-proceduri kriminali sabiex f’kaz li tinstab htija r-rikavat mill-attivita’ kriminali jigi konfiskat favur l-Istat. Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li l-mizura kontestata mir-rikorrenti fil-fatt ghandha ghan legittimu.

Finalment dwar jekk il-mizura zammitx bilanc proporzjonat bejn l-

ghan socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien jinghad li ghalkemm huwa accettat li l-Istat ghandu margini ta' apprezzament wiesgha (fuq il-livell internazzjonali meta si tratta ta' sentenza tal-Qorti ta' Strasburgu) jew il-Legislatura u l-Ezekuttiv (fuq il-livell domestiku, meta si tratta ta' allegazzjoni quddiem il-Qrati Maltin ta' vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali), hija dejjem il-Qorti u f'kawzi bhal dik odjerna hija dejjem din il-Qorti Kostituzzjonali, li finalment trid tiddetermina mhux biss jekk hemmx dan l-iskop *prima facie* legittimu aktar 'l fuq imsemmi izda jekk, fil-kaz partikolari, ntlahaqx fil-konfront tar-rikorrenti dak il-bilanc gust bejn l-interess generali u l-interess tar-rikorrenti. Ghandu ghalhekk jigi ezaminat jekk, l-applikazzjoni fil-kaz konkret ta' ligi li hija maghmula *prima facie* "skont l-interess generali" tivvjolax il-principju tal-proporzjonalita`.

Illi kif inghad f'kaz deciz mill-Qorti ta' Strasburgu fl-ismijiet **Hutten-Czapska v. Poland**[2]**,** fejn hemm l-intervent tal-Istat, dan irid johloq bilanc bejn l-interess generali u l-interess tal-privat, u l-fatti tal-kaz partikolari iridu jigu ezaminati ghall-fini tal-ezami tal-proporzjonalita'.

*"Not only must an interference with the right of property pursue, <u>on the facts as well as in principle</u>, a 'legitimate aim' in the general interest, but there must also be <u>a reasonable relation of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised by any measures applied by the State,</u> including measures designed to control the use of the individual's property. That requirement is expressed by the notion of a fair balance that must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights... <u>In each case involving an alleged</u>*

[2] Deciza nhar it-22 ta' Frar, 2005.

*violation of that Article the Court must therefore ascertain whether by reason of the State's interference the person concerned had to bear a disproportionate and excessive burden."* (paragrafu 105 - sottolinear ta' din il-Qorti) (ara wkoll **Philip Amato Gauci et -vs- Avukat Generali et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Mejju, 2006 kif ukoll **Residual Limited (C24807) -vs- Kummissarju ta' l-Artijiet** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar id-19 ta' Ottubru, 2011.)

Illi *prima facie* jirrizulta lil din il-Qorti li r-rikorrenti ghandhom ragun jilmentaw li effettivament l-ordni ta' ffrizar qed jolqot negattivament il-valur tal-proprjeta' taghhom u dan irrizulta wkoll mix-xhieda tal-amministratur nominat mill-Qrati Hector Spiteri. Il-Qorti izda tifhem ukoll illi fl-istadju tal-ewwel seduta meta l-akkuzati jkunu ghadhom kemm tressqu, l-interess pubbliku li jigu salvagwardjati l-assi derivanti mill-allegata attivita' kriminali bla dewmien ghandu jiprevali partikolarment fil-kaz odjern fejn anki wahda mill-kumpaniji nvoluti hija akkuzata. Sa dan l-istadju l-Qorti ma tara xejn sproporzjonat fil-mizura attakkata permezz ta' din ir-raba' talba.

Illi l-Qorti tqis ukoll li fl-atti odjerni rrizulta li wara li nhareg l-ordni ta' ffrizar, l-istess rikorrenti qua akkuzati inghataw diversi opportunitajiet li jressqu talbiet fir-rigward tal-amministrazzjoni tal-proprjeta' u nkluz f'certu mumenti kien qed jigi wkoll ikkunsidrat il-bejgh tal-ishma fejn il-Qrati taw diversi ordnijiet sabiex possibilment dan seta jsir u anki taw l-approvazzjoni taghhom ghall-istess bejgh. Fil-fatt anki fil-perjodu li l-proceduri kriminali kienu tista' tghid sospizi jistennew sblokk dwar l-estrapolazzjoni tad-data mill-apparat elettroniku, l-Qrati nvoluti xorta wahda taw diversi ordnijiet u direttivi dwar il-proprjeta' in kwistjoni.

Il-Qorti tqis allura li rrilevantement mid-dewmien fil-proceduri kriminali (li wasslu ghad-dikjarazzjoni ta' din il-Qorti ta' lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq) fl-istess hin il-ligi nostrana provdiet mezzi adegwati lir-rikorrenti sabiex jitolbu li jigi varjat l-ordni ta' ffrizar fil-mori ghas-salvagwardja wkoll tal-interessi taghhom, kif irrizulta mill-atti. Ghalhekk sakemm l-ilment tar-rikorrenti taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea huwa limitat biss ghad-dewmien, il-Qorti tqis li ma tirrizultax lezjoni tal-istess u ser tichad ir-raba' talba tar-rikorrenti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi dan l-ilment kostituzzjonali kif isegwi:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati dwar il-legittimu kontradittur, tilqa' t-tieni eccezzjoni limitatament ghall-fatt izda li l-Qorti qed tirrikonoxxi li sar zball fl-indikazzjoni tal-artikolu li fuqu r-rikorrenti kienu qed isejsu parti mit-talba taghhom u hadet konjizzjoni ta' dan fid-decizjoni taghha u tichad it-tielet eccezzjoni preliminari dwar l-intempestivita;

2. Tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimati fejn jirrigwardaw l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

3. Tilqa' l-eccezzjonjiet tal-intimati fir-rigward biss tar-raba' talba tar-rikorrenti;

4. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara illi r-rikorrenti sofrew u ghadhom qed isofru minn lezjoni tad-dritt taghhom li fil-proceduri kriminali kontra taghhom huma jinghataw smiegh xieraq fi zmien qasir u ragonevoli u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 39 tal- Kostituzzjoni ta' Malta;

5. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti limitatament u biss fir-rigward tad-dewmien li t-talba tal-intimati gabet maghha fil-proceduri kriminali rizultat li l-Istat naqas milli jiprovdi ghodda apposita sabiex tigi estrapolata, fi zmien ragonevoli, l-informazzjoni mill-apparat elettroniku in kwistjoni izda tichadha fil-bqija;

6. Tilqa' t-tielet u l-hames talbiet tar-rikorrenti u tiffissa perjodu ta' sitt xhur mid-data tal-4 ta' Ottubru, 2022 sabiex tigi prezentata fl-atti tal-kumpilazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti l-informazzjoni estrapolata mill-apparat elettroniku in kwistjoni u fin-nuqqas mal-iskadenza tat-terminu tordna li l-istadju tal-provi tal-Avukat Generali u l-prosekuzzjoni jigi dikjarat maghluq b'ordni tal-Qorti Istruttorja minnufih;

7. Tichad ir-raba' talba.

Fic-cirkustanzi li lment wiehed intlaqa u l-iehor gie michud u wkoll li l-intimati prezentaw risposta kongunta l-ispejjez ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Il-Qorti tordna wkoll lir-Registratur Qrati Civili u Tribunali sabiex f'kaz li din is-sentenza tghaddi in gudikat, jibghat kopja ta' din is-sentenza lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati kif ighid u jrid l-Artikolu 242 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti tordna wkoll lir-Registratur Qrati Kriminali sabiex f'kaz li din is-sentenza tghaddi in gudikat, jibghat kopja ta' din is-sentenza lill-Magistrat Dr Donatella Frendo Dimech.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Frar, 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Frar, 2023**